TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 166/13/GB

**Carmel Galea**

**vs**

**GO plc**

Illum 19 ta' Frar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u hamsin Ewro (€150.00), rappreżentanti kontijiet li baqa' jirċievi minghand is-socjeta' ntimata, liema kontijiet baqghu jintbaghtu lilu, nonostante l-fatt illi huwa kien qaleb is-servizz li kien juża minn mas-socjeta' ntimata ghal ma' socjeta' terza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kellu s-servizz tas-socjeta' ntimata, u kien qaleb ghal mas-socjeta' Melita fid-19 ta' Novembru 2011. Skond ir-rikorrent, l-ahhar kont li huwa hallas tas-socjeta' ntimata kien fl-ammont ta' *tletin* Ewro u *sitta* u *tletin* ċenteżmi (€30.36) fl-17 ta' Dicembru 2011, pero' s-socjeta' ntimata baqghet tibaghtlu l-kontijiet. Meta r-rikorrent qaleb ghal mas-socjeta' Melita, din is-socjeta' kienet informatu illi hija kienet ser tibghat kollox lis-socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Fil-fatt minhabba illi l-konsumatur ma ressaqx l-ilment tieghu fl-ewwel lok lil GO plc iżda rrikorra ghal dan it-Tribunal direttament bi ksur tal-provvediment tal-ligi (Art 23(4) tal-Kap 378).

Illi barra minn hekk, is-socjeta' GO plc ma ghandha u ma rċeviet l-ebda istruzzjonijiet sabiex twaqqaf is-servizz u jekk jirrizulta xi nuqqas f'dan is-sens ghandu jkun attribwit lill-kumpanija terza li ma nfurmatx lil GO plc.

Nonostante dak miktub, jirrizulta illi s-servizz ta' GO plc baqa' jintuża regolarment u dan sahansitra wara d-data tal-allegatament trasferiment tas-servizz.

Salv eċċezzjonijiet ohra.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-kuntratt li kien iffirma mas-socjeta' terza, li ġiet immarkata bhala Dok.CG1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi hija qatt ma rċeviet notifika mis-socjeta' Melita u li din is-socjeta' qatt ma kellmitha. L-uzu tas-servizz da parte tar-rikorrent baqa' jsir sa kemm is-socjeta' ntimata qatghet il-linja ghaliex ir-rikorrent ma kienx hallas. Jekk din saret, is-socjeta' ntimata stqarret illi hija ma rċeviet l-ebda kopja tal-kuntratt li sar mas-socjeta' Melita fid-29 ta' Dicembru 2011. Stqarret ukoll illi s-servizz ta' 1021 toffriha hija biss u kkonfermat illi kien sar uzu minn dan is-servizz mir-rikorrent.

It-Tribunal, wara li ra l-affidavit datat 22 ta' Ottubru 2013, u ffirmat minghand Carmen Grech, qed jichad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata.

Illi, bi qbil bejn il-partijiet, is-socjeta' 'Melita plc' ġiet ikkjamata fil-kawza.

**Is-socjeta' kjamata fil-kawza 'Melita plc' issottomettiet bil-miktub illi:-**

Meta klijent japplika ghas-servizz tat-telefonija fissa u jkun jixtieq li jżomm in-numru tat-telefon attwali, sabiex isir il-porting ta' dan in-numru mal-Melita, il-klijent huwa mehtieg li jimla formola tal-portabbilita' li mbaghad tintbaghat mis-socjeta' Melita lis-socjeta' GO. Ladarba l-applikazzjoni tal-porting tintbaghat lill-GO, u talba tkun aċċettata u pproċessat, in-

numru tat-telefon li jkun mas-socjeta' GO jiġi awtomatikament trasferit mas-socjeta' Melita. Ir-rikorrent ikun informat jekk il-porting ikun michud permezz ta' telefonata.

Illi fil-kaz in kwistjoni, fir-rekords taghha l-porting tan-numru 21316918 kien mitlub tlett darbiet u dan ma kienx aztorizzat mis-socjeta' GO. L-ewwel talba ta' porting saret fit-30 ta' Dicembru 2011. Sussegwentement fis-7 ta' Jannar 2012 kien allokat numru tat-telefon ġdid tas-socjeta' Melita lir-rikorrent.

Illi fit-23 ta' Jannar 2013 ir-rikorrent applika darb' ohra ghal-port out tan-numru 21316918 u dan kien michud mis-socjeta' GO plc ghall-fatt li kien hemm kontijiet pendenti min naha tar-rikorrent.

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost is-socjeta' Melita qatt ma hija awtorizzata li taghmel skonnessjoni tas-servizzi ta' kumpaniji terzi, f'dan il-kaz tas-socjeta' GO plc.

Ghaldaqstant is-socjeta' Melita tichad li tinżamm responsabbli ghall-fatt li r-rikorrent ghamel uzu miz-zewg numri, salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' kjamata fil-kawza, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi l-ewwel porting sar fl-2011 izda ma kienitx approvata mill-GO u s-servizz mal-GO baqa' ghaddej. Is-socjeta' kjamata fil-kawza stqarret illi hija ma semghat xejn iktar sal-2013 meta' r-rikorrent rega' ghamel it-tieni rikjesta ghal porting f'Jannar 2013 u li rega' gie rrifjutat mill-GO.

Is-socjeta' kjamata fil-kawza ezebiet żewġ dokumenti li juru t-talba ghall-porting tan-numru da parte tar-rikorrent, li gew immarkati bhala Dok.M1 u Dok.M2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas fis-servizz li nghata lir-rikorrent, u dan la minghand is-socjeta' ntimata u lanqas minghand is-socjeta' kjamata fil-kawza, iżda l-problema nholqot biss stante illi r-rikorrent kellu kontijiet preċedenti u pendenti mas-socjeta' ntimata, liema kontijiet kienu baqghu ma thallsux u li ghalhekk it-talba ghall-porting tan-numru in kwistjoni ovvjament qatt ma setghat tintlahaq min-naha tas-socjeta' ntimata. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**